# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' April 2000**

Citaz. Nru. 213/99

Michael Farrugia u martu Ermenzjana Farrugia

-vs-

Anthony Farrugia u martu Mary Rose Farrugia

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara illi ppremettew illi permezz ta' kuntratt ta' xiri fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani l-konvenut Anthoy Farrugia kien xtara u akkwista l-fond fi stat ta' kostruzzjni fuq bicca raba' maghrufa bhala "tal-Warda" fil-kuntrata "ta' San Anard" fi Triq San Leonardu Victoria Ghawdex tal-kejl ta' cirka tmien mija u tmienja u sebghin punt decimali tmienja tlieta metri kwadri (878.83m2) liema kejl jinkludi l-gnien anness mal-post u jmiss mit-tramuntana ma' Triq San Leonardu, punent ma' beni ta' Joseph Cini u Pullu Hili u lvant ma' beni ta' Joseph Grech, liberu u frank, hlief kif sogget ghac-cens annwu u perpetwu ta' zewg liri Maltin (Lm2.00), bid-drittijeit u l-pertinenzi kolhla tieghu, bl-arja tieghu u bil-pussess vakat u in shell form u cioe' gebel u saqaf u tale quale fl-istat prezenti (Dok A).

Peress illi fil-verita l-imsemmi fond gie mixtri mill-imsemmi Anthony farrugia kwantu ghal nofs

indiviz ghan-nom tieghu propjru filwaqt illi n-nfos indiviz l-iehor xtrah u akkwistah bhala mandatarju, ghan-nom u fl-interess ta’ l-atturi Michael Farrugia u martu Emerenzjana Farrugia izd bi zvista dan naqas li jiddikajar fuq l-att ta’ l-akkwist relattiv li huwa qed jidher ghan-nom u fl-interess ta’ l-atturi apparti ghan-nom tieghu proprju;

U peress illi permezz ta’ cedola numru 22/1993 )Dok B) l-konvenut Anthony Farrugia feda l-imsemmi cens ta''zewg liri (Lm2.00) f''smu proprju biss.

Jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li bicca raba’ maghrufa bhala Tal-Warda fil-kuntrada ta’ San Anard fi Triq San Leonardu, Victoria, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka tmien mija u tmienja u sebghin punt decimali tmienja tllieta metri kwadri (878.83m2) liema kjejl jinkludi l-gnien anness mal-post u jmiss mit-tramuntana ma’ Triq San Leonardu, punent ma’ beni ta’ JOseph